*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 13,701, 12 ta' Frar, 1980*
*Taqsima C*

# Nru. 131

12. 2. 80

# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Jos. Brincat, M.P., Ministru tal-Ġustizzja, Artijiet, Djar u Affarijiet tal-Parlament, u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tat-12 ta' Frar, 1980.

**ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1975 dwar il-Jum Nazzjonali u Btajjel Pubbliċi oħra.**

C. Mifsud
***Skrivan tal-Kamra tad-Deputati***

## HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Jos. Brincat, M.P., Minister of Justice, Lands, Housing and Parliamentary Affairs and read the First time at the Sitting of the 12th February, 1980.

**AN ACT further to amend the National Day and other Public Holidays Act, 1975.**

C. Mifsud
***Clerk to the House of Representatives***

# ABBOZZ TA' LIĠI

## msejjaħ

*ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1975 dwar il-Jum Nazzjonali u Btajjel Pubbliċi oħra.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

**1.** Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1980 li jemenda l-Att dwar il-Jum Nazzjonali u Btajjel Pubbliċi oħra u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1975 dwar il-Jum Nazzjonali u Btajjel Pubbliċi oħra, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

**2.** Minflok l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Jum il-Ħelsien ikun il-Jum Nazzjonali ta' Malta.

2. (1) Il-wieħed u tletin ta' Marzu ta' kull sena jkun magħruf bħala Jum il-Ħelsien u jkun il-Jum Nazzjonali ta' Malta.

(2) Jum il-Ħelsien ikun btala pubblika u f'dik l-okkażjoni għandha tittajjar il-Bandiera Nazzjonali ta' Malta fuq il-bini pubbliku kollu.

(3) Il-Prim Ministru jista' jagħti dawk id-direttivi li jidhirlu xierqa għaċ-ċelebrazzjoni b'mod xieraq ta' Jum il-Ħelsien.".

Sostituzzjoni ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-Att prinċipali.

**3.** Minflok l-Iskeda li tinsab ma' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"SKEDA

Artikolu 3 (1)

**Lista ta' Btajjel Pubbliċi**
**(b'żieda ma' Jum il-Ħelsien u l-Ħdud)**

| | |
|---|---|
| l-1 ta' Jannar | L-Ewwel tas-Sena |
| —— | Il-Ġimgħa l-Kbira |
| l-1 ta' Mejju | L-Ewwel ta' Mejju |
| il-15 ta' Awissu | Il-Festa ta' Santa Marija |
| it-13 ta' Diċembru | Jum ir-Repubblika |
| il-25 ta' Diċembru | Il-Milied". |

## Għanijiet u Raġunijiet

L-Għan ta' dan l-Abbozz huwa li jistabbilixxi Jum il-Ħelsien bħala l-Jum Nazzjonali ta' Malta.

# A BILL

## entitled

*AN ACT further to amend the National Day and other Public Holidays Act, 1975.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:—

Short title.

**1.** This Act may be cited as the National Day and other Public Holidays (Amendment) Act, 1980, and shall be read and construed as one with the National Day and other Public Holidays Act, 1975, hereinafter referred to as "the principal Act".

Substitution of section 2 of the principal Act.

**2.** For section 2 of the principal Act there shall be substituted the following:

"Jum il-Ħelsien to be National Day of Malta.

2. (1) The thirty-first day of March of each year shall be known as Jum il-Ħelsien and shall be the National Day of Malta.

(2) Jum il-Ħelsien shall be a public holiday and on that occasion there shall be flown on all public buildings the National Flag of Malta.

(3) The Prime Minister shall give such directions as he may deem appropriate for the due celebration of Jum il-Ħelsien.".

Substitution of Schedule to the principal Act.

**3.** For the Schedule to the principal Act there shall be substituted the following:

"SCHEDULE

Section 3 (1)

**List of Public Holidays**
**(in addition to Jum il-Ħelsien and Sundays)**

| | |
|---|---|
| 1st January | New Year's Day |
| —— | Good Friday |
| 1st May | May Day |
| 15th August | Feast of the Assumption |
| 13th December | Republic Day |
| 25th December | Christmas Day". |

## Objects and Reasons

The Object of this Bill is to establish Jum il-Ħelsien as the National Day of Malta.

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni — *Published by the Department of Information*
Stampat fl-U.Ċ.S. — Stamperija tal-Gvern — *Printed at the C.O.S. — Government Printing Press*
Prezz 2c — *Price 2c*